MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Numru 330/2003

Il-Pulizija
(Sp Sandro Zarb)
vs
Moayed Sileb Whiba, iben Sileb,
imwieled Tripoli, Libja fit-30 ta'
diċembru, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-17 ta' april, 2003 għal ħabta tas-6.00 p.m. ġewwa l-Gudja ħarab
mill-kustodja tal-persuna nkarigata mill-kustodja tiegħu u cioe' ta' PC87 George Galea;
2. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' wieħed inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe' ta' PC87 George Galea jew ma ħallihx jew fixklu waqt li ken jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru jew ma ħalliex lil

ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew seta' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skond il-liġi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' april, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 151, 160 u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ma tibdiex isseħħ ħlief jekk fi żmien sena mil-lum jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Tordna t-tneħħija tiegħu minn dawn il-Gżejjer.

--------------------------------TMIEM--------------------------------